Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' April 2017
(OR. fr)

7929/17

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2012/0193 (COD)**

CODEC 538
DROIPEN 38
JAI 297
GAF 11
FIN 234
CADREFIN 39
FISC 70

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill |

1. Fit-12 ta' Lulju 2012, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq[1], ibbażata fuq l-Artikolu 325(4) TFUE.[2][3][4].

[1] dok. 12683/12.
[2] F'konformità mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-direttiva.
[3] F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà, u ġustizzja, ir-Renju Unit mhux ser jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-direttiva u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.
[4] F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, id-Danimarka mhux ser tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-direttiva u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

2. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-16 ta' April 2014[1].

3. Waqt it-3517-il laqgħa tiegħu tas-7 ta' Frar 2017, il-Kunsill Affarijiet Ġenerali laħaq qbil politiku dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari rigward id-direttiva msemmija hawn fuq[2].

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi lill-Kunsill:

- jadotta, bil-vot kontra tad-delegazzjoni Ġermaniża, Irlandiża, Pollakka, Ungeriża u dik Maltija, bħala punt "A" fl-aġenda ta' laqgħa li jmiss, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari kif tidher fid-dokument 6182/17 u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet kif tidher fid-dokument 6182/17ADD 1;

- jiddeċiedi li fil-minuti ta' din is-sessjoni jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet li jidhru fl-Addendum għal din in-nota.

---

[1] dok. 9024/14.

[2] F'konformità mal-ittra indirizzata mill-president tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-president tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament Ewropew lill-President tal-Coreper, il-Parlament Ewropew għandu, waqt it-tieni qari tiegħu, japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi.